# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 93/2019**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Victor Lofreda**

Illum 14 ta' Diċembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Victor Lofreda**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 466182(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'April 2011 u fix-xhur ta' qabel, ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-

eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-dannu ta' Anna Grech u Nadine Grech;

2. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, approprja ruħu, billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna/i oħra, is-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu ta' Anna Grech u Nadine Grech, liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat;

3. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, ikkommetta serq ta' flus u oġġetti mir-residneza ta' Anna Grech u Nadine Grech għad-dannu tal-istess persuni, liema serq hu aggravat bil-valur u bil-persuna;

4. ikkommetta reat li għalih hemm piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

5. sar reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha eżebiti.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Marzu 2019, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17, 18, 23B, 23C, 28B, 31, 49, 50 u 293 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li lliberat lill-imputat mill-ewwel (1), mit-tielet (3) u mir-raba' (4) imputazzjoni, sabet lill-imputat ħati tat-tieni (2) u tal-ħames (5) imputazzjoni u kkundannatu disa' (9) xhur priġunerija.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-28 ta' Marzu 2019 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha **tikkonferma** s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti għal dik li hija sejbien ta' ħtija iżda **tirriformaha** in kwantu għal piena u dana billi tagħti piena aktar xierqa għaċ-ċirkostanzi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jitlob li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti u dana fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija tiegħu b'dan illi talab li din il-Qorti tirriforma l-piena nflitta billi tagħti piena aktar xierqa għaċ-ċirkostanzi.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jissottometti li l-ħames (5) imputazzjoni ma teżistix. Għal kull buon fini għandu jingħad li fiċ-ċitazzjoni ppreżentata quddiem l-Ewwel Qorti jidhru elenkati l-ewwel tliet imputazzjonijiet (li ġew enumerati bin-numru wieħed (1), tnejn (2) u tlieta (3)) u warajhom hemm imniżżla l-imputazzjoni dwar reat li seħħ waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża (li din il-Qorti immarkatha bħala r-raba' (4) imputazzjoni) u warajha hemm imniżżla l-addebitu tar-reċidiva (li din il-Qorti immarkata bħala l-ħames (5) imputazzjoni). Għaldaqstant mhux eżatt dak li jgħid l-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu meta qal li l-ħames (5) imputazzjoni ma teżistiex tant li meta l-Ewwel Qorti rriferiet għal ħames (5) imputazzjoni fid-*decide* tas-sentenza appellata hija żiedet tgħid hekk: *"in kwantu tal-addebitu tar-reċidiva"*. Għaldaqstant l-argument tal-appellant f'dan ir-rigward huwa miċħud.

Illi l-*gravam* prinċipali sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, u ċioè dik ta' disa' (9) xhur priġunerija.

Illi huwa stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi bħala regola qorti ta' revizjoni ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*". Dan ingħad, fost l-oħrajn, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-25 ta' Awwissu 2005 fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum et** (Numru 9/2004).

Illi minkejja li mill-atti proċesswali jirriżulta li kien hemm żmien fejn l-appellant għamel xi pagamenti lill-*parte civile* pero' mix-xiehda mismugħa quddiem din il-Qorti kif preseduta minn waħda mill-*parte civile* ossia Nadine Grech fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2023 jirriżulta li l-appellant baqa' ma ħallasx l-ammont kollu in kwistjoni. Għal kull buon fini għandu jingħad li l-*parte civile* l-oħra ossia Anna Grech ġiet nieqsa tul is-smiegħ tal-appell. Għandu jingħad ukoll li minkejja li l-imputazzjonijiet addebitati fil-

konfront tal-appellant allura imputat ġew ippreżentati quddiem l-Ewwel Qorti fid-29 ta' April 2011 u minkejja li s-sentenza appellata ngħatat fil-11 ta' Marzu 2019, l-appellant anqas għaraf jirregola ruħu rigward l-ammont kollu in kwistjoni. Mhux talli hekk, talli fir-Rikors tal-appell tiegħu li ġie ppreżentat fit-28 ta' Marzu 2019 (aktar minn erba' snin ilu) l-appellant saħaq li l-*parte civile* Nadine Grech iddikjarat quddiem l-Ewwel Qorti li hija kienet irċeviet is-somma ta' elf Euro (€1,000) u s-somma ta' mitejn Euro (€200) (liema dikjarazzjoni saret fis-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fl-4 ta' Frar 2014 – *a fol.* 64). L-appellant isostni li b'din id-dikjarazzjoni kien jidher li huwa kien qiegħed jipprova jpatti l-iżball li għamel u kien qiegħed irodd lura l-flus lill-*parte civile*. Huwa jilmenta dwar id-dewmien eżaġerat li ħadet l-Ewwel Qorti sabiex tagħti s-sentenza tagħha. Dwar dan, din il-Qorti tinnota li l-appellant anqas ħa dan id-dewmien sabiex jipprova jħallas l-ammont kollu li kellu jagħti lill-*parte civile* tant li dan l-ammont baqa' ma tħallasx u dana minkejja li l-proċeduri quddiem din il-Qorti ilhom pendenti sa minn Marzu 2019. Żgur li l-appellant ma jistax jilmenta li ma ngħatax żmien biżżejjed sabiex iħallas l-ammont kollu in kwisjtoni lill-*parte civile* u dana sabiex possibbilment tiġi varjata l-piena mogħtija fil-konfront tiegħu.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti ma tatx id-debita konsiderazzjoni għal fatt li hu għandu vizzju serju tal-logħob u li minkejja li kien ipprova jegħleb dan il-vizzju, huwa kien għadu ma rnexxielux joħroġ rebbieħ fuqu. Fil-fehma ta' din il-Qorti ma hijiex ġustifikazzjoni li wieħed iwettaq reat għaliex għandu l-vizzju tal-logħob u dana peress li jekk persuna għandha dan il-vizzju, għandha tara kif taqtgħu b'dan illi għandha tħallas għal dak li tkun wettqet.

Illi din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-piena applikabbli fir-rigward tal-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellant allura imputat instab ħati tagħhom mill-Ewwel Qorti u meħud in konsiderazzjoni ta' dan u ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, din il-Qorti ma tantx għandha aktar xi tgħid għajr li l-piena hekk kif erogata mill-Ewwel Qorti taqa' sewwasew fil-parametri tal-piena għall-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellant instab ħati. Il-Qorti żżid

tgħid li l-piena mposta mill-Ewwel Qorti fuq l-appellant kienet waħda legalment u raġonevolment valida, mhux "*manifestly excessive*" u tirrispekja l-imputazzjonijiet li tagħhom huwa nstab ħati. Din il-Qorti hija tal-fehma li ma tezisti l-ebda raġuni li tista' twassalha sabiex titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fil-kalibrazzjoni tal-piena minnha magħmula, liema piena għalhekk għandha tibqa' invarjata.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Victor Lofreda u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**